# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Fl-atti tal-Appell Nru. 401/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pricilla Caruana)**

**vs**

**Anthony Grech**

**Justine Zammit**

Seduta tat-12 t'Ottubru, 2018

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-ufficjal tal-Probation Maria Mifsud tal-25 ta' Lulju, 2018 li biha rregistrat **denunzja** quddiem din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 21, tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bis-segwenti lment:

1) Illi bis-sentenza msemmija hawn fuq kienet appuntata Ufficjal tal-probation ta' Justine Zammit, detentrici tal-karta tal-identita' 521984M u residenza mhux maghrufa;

2) Illi Justine Zammit naqset milli tipprovdi lill-Ufficjal tal-Probation l-indirizz fejn hija tirrisjedi;

3) Illi tfassal pjan ta' kura minhabba l-vizzju ta' droga kemm dik ta' eroina kif ukoll kokaina fejn hija dahlet residenti fil-program ta' San Blas fi hdan il-Caritas. Hija telqet fit-12 ta' Lulju, 2018;

4) Illi kien hemm tentattiv iehor sabiex hija tibbenefika minn ghajnuna minhabba l-problema akuta ta' droga gewwa l-isptar Mount Carmel Female Dual Diagnostic Unit fejn ghal darbohra regghet telqet kontra kull parir mediku nhar it-23 ta' Lulju, 2018;

5) Illi hija tqila ukoll b'tarbija fejn hemm preokkupazzjoni mhux biss fuq l-ikkoncernata izda anke fuq it-tarbija li qed tistenna minhabba l-vizzju tad-droga.

Rat id-digriet tal-25 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ordnat in-notifika tad-denunzja lil Justine Zammit u lill-Avukat Generali u appuntat il-kawza ghas-smiegh ghal-31 ta' Lulju, 2018 fid-9.30am;

Semghet lill-Ufficcjal tal-Probation;

Semghet lill-Justine Zammit;

Rat l-atti kollha,

Ikkunsidrat:

1. Illi d-denunzjata Justine Zammit kienet, flimkien ma' persuna ohra tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer bejn id-19 ta' Lulju, 2011 u id-9 ta' Awwissu, 2011, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe':

A. F'Birzebbugia nhar it-3 t'Awissu, 2011 f'xi hin bejn is-14:00hrs u l-16:00hrs waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom arlogg tal-ghamla Rolex, zewg mobile phones wiehed tal-ghamla LG u l-iehor Motorola, zewg nuccalijiet tal-vista, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€10,000 u dan sar ghad-dannu ta' Sharlene Maronese u Giovanni Maronese u/jew persuni ohra;

B. Aktar talli gewwa Birzebbugia nhar l-1 t'Awwissu 2011 f'xi hin bejn il-11:45hrs u 12:30hrs waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta' zewg basktijiet b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom zewg mobile phones wiehed Nokia u l-iehor tal-ghamla Iphone, flus kontanti u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-€232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad-dannu ta' Daniel Grixti u Diedra Brincat u/jew persuni ohra;

C. Aktar talli gewwa Marsaxlokk nhar id-9 t'Awwissu, 2011 f'xi hin bejn 15:45hrs u 16:30hrs waqt li kienu gewwa Ta' Kalanka limiti ta' Delimara, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-ghamla Nokia, flus kontanti, nuccali tal-vista u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-

valur li jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 u dan sar ghad-dannu ta' Frangiska Galea u/jew persuni ohra;

D. Aktar talli gewwa Birzebbugia nhar id-19 ta' Lulju 2011 f'xi hin bejn is-14:00hrs u it-15:00hrs waqt li kienu gewwa l-Bajja s-Sabiha, ikkommettew serq ta' basket b'kontenut ta' diversi oggetti fosthom mobile phone tal-ghamla Nokia C3, I Pod u oggetti ohra u dan sar ghad-dannu ta' Kathleen Bonnici u/jew persuni ohra;

E. Aktar talli f'dawn il-Gzejjer xjentement laqaw ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkunu mdahhlin biex ibieghuhom jew imexxuhom liema reat jikkonsisti f'serq li huwa aggravat bil-valur;

F. Ukoll talli fid-9 ta' Awwissu 2011 f'dawn il-Gzejjer, naqsu milli jharsu xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magt. Dr. J. Apap Bologna LL.D fid-digriet tieghu li bih tahom il-helsien mill-arrest taht garanzija.

G. Ukoll talli kisru l-ordnijiet imposti fuqhom mill-Onorabbli Qorti b'sentenza emenata mill-Qorti li ghadha fi stadju operattiv datata 9 ta' Awwissu 2011 mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.

2. Illi wara sejbien ta' htija ghall-dawn l-imputazzjonijiet u b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Lulju, 2015, l-imputati tqieghdu taht ordni ta' *probation* ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jekk jonqsu li jharsu [l-ordni] ta' dik il-Qorti jew jaghmlu xi reat iehor matul il-perjodu ta' tlett (3) snin jistghu jkunu kkundannati ghar-reat li ghalihom qeghdin jigu maghmula [*recte:* ikunu misjuba hatja minn] din il-Qorti;

3. Illi wara appell tal-Avukat Generali minn dik is-sentenza din il-Qorti, permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Settembru, 2017, ikkonfermat dik tal-ewwel Qorti fejn din sabet htija fl-appellati u kwantu l-ordni ta' *probation* ghar-rigward l-imputazzjonijiet 1 sa 6 **izda** hasret is-sentenza kwantu s-seba' imputazzjoni u regghet baghtet l-atti lura lill-ewwel Qorti biex titratta mal-imputati ghal-ksur tal-ordni ta' probation dwar dik is-seba' imputazzjoni;

4. Illi dak l-appell kien interpost mill-Avukat Generali u dan ma jgibx mieghu s-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti bhal fil-kaz oppost meta jkun l-imputat li jinterponi appell. Konsegwenza ta' dan, it-terminu tal-Ordni ta' Probation beda jiddekorri mid-data tal-ghoti tas-sentenza mill-Qorti tal-Magistrati, igifieri mit-28 ta' Lulju 2015. Id-denunzja kienet introdotta fil-25 ta' Lulju, 2018 u ghalhekk fil-perjodu operattiv tal-istess probation;

5. Illi minn dak li semghet il-Qorti, l-Ufficcjal tal-Probation hija preokkupata ghar-raguni li d-denunzjata qed tirrifjuta li toqghod ghar-direttivi taghha fosthom li tipprovdilha indirizz fejn qed tirrisjedi u li qed qed tirrizulta pozittiva ghall-konsum ta' droga meta qed tistenna tarbija. Naturalment it-tieni raguni timmerita precedenza fil-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti u din hija sitwazzjoni ferm preokkupanti ghaliex minn dak li ngieb a konjzzjoni tal-Qorti huwa evidenti illi d-denunzjata qed tirrifjuta kull ghajnuna li qed tinghatalha biex tirrabilita ruhha mill-vizzju tad-droga;

6. Id-denunzjata ma ghandha l-ebda rispett ghat-tarbija li qed iggorr bil-konsegwenzi kollha li din tista' ssofri tul hajjitha kawza tal-konsum ta' droga ta' ommha waqt l-istadju ta' gravidanza. Hija hasra li d-denunzjata qed taghmel minn kollox biex tirrezisti kull trattament tant illi gia abbandunat zewg programmi residenzjali

ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Matul il-proceduri odjerni irrizulta ukoll li d-denunzjata rrikoverat ruhha volontarjament l-Isptar Monte Carmeli u tghid illi ilha tistenna inutilment post fi programm iehor minkejja l-weghdiet li sarulha biex tkun ammessa malajr kemm jista' jkun. Dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti huwa tentattiv iehor biex ikun evitat trattament siewi, b'telf ta' opportunita' unika;

7. Illi fit-termini tal-kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta artikolu 7, id-denunzjata ghandha toqghod ghall-kull ordni u direttiva moghtija mill-Ufficcjal tal-Probation. L-ordni taghha li tirrimetti ruhha ghal-trattament mill-abbuz ta' droga huwa wiehed ragjonevoli u kellu jkun onorat mid-denunzjata li izda, qed ikun injorat bil-possibilita' ta' danni ferm aktar gravi milli tahseb;

8. Illi din il-Qorti zammet diversi seduti bit-tama li tinghata xi ahbar tajba dwar il-komportament tad-denunzjata izda minkejja dan irrizulta biss delungar u maniggi minn naha taghha sabiex tevita kull forma ta' ghajnuna. Id-denunzja hija ghalhekk gustifikata u ghalhekk din il-Qorti ser tghaddi fl-istadju sussegwenti li taghti dik il-piena li kien jisthoqq lid-denunzjata *qua* imputata meta misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistati fit-28 ta' Lulju, 2015;

9. Isegwi issa ezami tal-piena\i erogabbli ghall-imputazzjonijiet li dwarhom kienet misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati fit- 28 ta' Lulju 2015. Kif evidenti mir-riproduzzjoni tal-imputazzjonijiet *supra*, l-appellati kienu akkuzati b'xejn anqas minn erba' serqiet, tlieta fi spazju ta' ftit jiem bejn l-1 u d-9 t'Awwissu u ohra ftit qabel, fid-19 ta' Lulju 2011. Tlieta mis-serqiet kienu kwalifikati bl-aggravju tal-valur, b'wahda minnhom in eccess ta' €10,000. Oltre dan, kienu ukoll akkuzati ta' ricettazzjoni u ta' dan ukoll instabu hatja minkejja li wisq probabbli dik l-imputazzjoni kienet wahda

alternattiva ghal dik ta' serq fejn allura ma kellhomx jinsabu hatja, izda l-appellati ma nterponew ebda appell in rigward;

1. Tajjeb li jkun osservat ukoll illi s-serqa tad-9 ta' Awwissu, 2011 sehhet proprju wara nofsinhar **tal-istess jum** li fih kienu misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li fih kien tqieghdu taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta. Kien ghalhekk illi l-prosekuzzjoni akkuzathom ukoll illi kienu kisru dik l-istess ordni. Dawk is-serqiet sehhew ukoll waqt illi l-appellati kienu jinsabu taht helsien mill-arrest moghti ukoll minn Qorti ohra dwar proceduri pendenti;
2. Issa, l-ewwel imputazzjoni wahidha iggib maghha piena ta' prigunerija minn tlettax-il xahar sa seba' snin. Ghalhekk wara li rat il-fedina penali tad-denunzjata u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta u bl-applikazzjoni tal-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 qed tikkundanna lid-denunzjata ghal-piena ta' sentejn prigunerija.

**(ft) Giovanni M. Grixti**
**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Christopher Camilleri**
**Deputat Registratur**